# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 84**

**Rikors numru: 218/2023/1 LM**

**Brian Fenech**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u L-Avukat Ġenerali**

1. Din hija sentenza dwar l-appell tal-intimati Avukat tal-Istat u Avukat Ġenerali u l-appell inċidentali tar-rikorrent minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta' Mejju 2024 li, b'rabta ma' Ordni ta' Ffriżar maħruġa fl-20 ta' Marzu 2014 fil-konfront tar-rikorrent skont l-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi ["Kap. 101"] u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali ["Kodiċi Kriminali"], u li għadu sal-lum *in vigore*, sabet ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-

Konvenzjoni”] u għalhekk ikkundannat lill-intimati jħallsuh kumpens morali fis-somma ta’ €9,000.

2. Il-kwistjonijiet sollevati fl-appell prinċipali huma dwar eċċezzjoni preliminari tal-intimati dwar in-nuqqas ta’ eżawriment tar-rimedji ordinarji li ġiet miċħuda mill-Ewwel Qorti u dwar is-sejbien ta’ ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Min-naħa l-oħra, il-kwistjoni sollevata fl-appell inċidentali hija dwar ir-rimedju li skont ir-rikorrent kellu neċessarjament jingħata sabiex ma jibqax iseħħ il-ksur.

**PRELIMINARI**

3. Għall-aħjar intendiment tal-appell u appell inċidentali, il-fatti rilevanti huma s-segwenti.

Il-Proċeduri Kriminali

4. Fl-20 ta’ Marzu 2014 ir-rikorrent tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja akkużat li fit-3 ta’ Mejju 2006 u xhur ta’ qabel assoċja ruħu ma’ persuna oħra għat-traffikar tad-droga *cannabis*[1]. Akkużat ukoll li hu reċidiv b’żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Dakinhar tal-preżentata l-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti

[1] Fol. 1 Vol.1 tal-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et**, Kumpilazzjoni Numru 277/2014

tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex toħroġ ordni ta' ffriżar, liema talba ġiet milqugħa *a tenur* tal-Artikolu 22A tal-Kap. 101 u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali[2]. Meta sar l-eżami ta' Fenech huwa wieġeb li huwa ma jaħdimx[3]. Dakinhar stess l-Avukat Ġenerali ordna li Fenech jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwieġeb għall-akkużi[4]. Mid-depożizzjoni tal-ispettur tal-pulizija li investiga l-każ, jirriżulta li l-pulizija kienu qabdu d-droga.

5. Fis-27 ta' Marzu 2014 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kompliet bil-kumpilazzjoni tal-provi u akkordat lil Fenech il-libertà provviżorja[5]. Ftit jiem wara, fis-seduta tat-8 ta' April 2014, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabet li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex Fenech jitqiegħed taħt att t'akkuża[6] u, wara li saru xi żidiet fl-akkużi kif mitlub mill-Avukat Ġenerali, fid-29 ta' Mejju 2014 ingħata d-digriet tal-*prima facie*[7]. F'dik l-okkażjoni reġa' sar l-eżami ta' Fenech li din id-darba ddikjara li jaħdem bħala bajjad[8].

---

[2] Fol. 1 u 4 Vol. 1 tal-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et**, Kumpilazzjoni Numru 277/2014. Kopja tal-verbal in kwistjoni a fol. 43 – 44 tal-proċeduri odjerni

[3] Fol. 18 Vol. 1 tal-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et,** Kumpilazzjoni Numru 277/2014

[4] Fol. 16 Vol. 1 tal-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et**, Kumpilazzjoni Numru 277/2014

[5] Fol. 138 Vol. 1 tal-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et**, Kumpilazzjoni Numru 277/2014

[6] Fol. 157 Vol. 1 tal-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et**, Kumpilazzjoni Numru 277/2014

[7] Fol. 167 – 168, 192 Vol. 2 tal-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et,** Kumpilazzjoni Numru 277/2014

[8] Fol. 170 Vol. 2 tal-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et**, Kumpilazzjoni Numru 277/2014

6. Minn hemm ‘il quddiem saru għadd kbir ta’ rinviji lill-Avukat Ġenerali skont l-Artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali li da parti tiegħu baqa’ jinsisti sabiex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tissokta bil-kumpilazzjoni tal-provi[9].

7. Sa meta ġew ippreżentati dawn il-proċeduri, l-Att t’akkuża kontra Fenech kien għadu ma ħariġx u l-proċeduri kriminali kontra Fenech kienu għadhom fl-stadju tal-provi tal-prosekuzzjoni.

<u>Assi milquta bl-Ordni ta’ Ffriżar u t-talbiet relattivi</u>

8. F’rapport datat 12 ta’ Lulju 2016[10], l-assistent reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali rrapporta dwar ir-riċerki li għamel dwar l-assi / beni li Fenech kellu titolu jew interess fuqhom. Sostanzjalment dawn kienu s-segwenti:

i. Żewġ kontijiet bankarji, wieħed ta’ tfaddil fejn kien hemm depożitata s-somma ta’ €46.42 u *motor loan* b’dejn ta’ €2,415.95;

ii. Polza ta’ assikurazzjoni fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EBO 505 li skadiet f’Mejju 2014; polza ta’

[9] Fol. 21 *et seq.*
[10] Dok. JSN2 Vol. 1 u 2

assikurazzjoni *third party only* fuq il-vettura bin-numru JAN 148 li skadiet fis-sena 2009; polza t'assigurazzjoni fuq il-vettura EBO 505 sal-aħħar ta' Mejju 2017;

iii. MSV *Baby Bond* li mmaturat fl-2009;

iv. Ishma f'*La Vallette Sterling Money Fund* b'valur ta' €88.79;

v. Sussidju tal-ARMS fuq fond f'Ħaż-Żabbar;

vi. Għajnuna soċjali għall-qagħad, pensjoni tad-diżabilità; *supplementary allowance*, u *bonuses*;

vii. Bilanċ ta' €55.45 dovut lil GO plc;

viii. Żewġ vetturi reġistrati f'ismu (Peugeot 405 bin-numru tar-reġistrazzjoni IAT 237 b'liċenzja skaduta f'Diċembru 2008 u Toyota Belta bin-numru tar-reġistrazzjoni EBO 505 b'liċenzja skaduta f'Mejju 2014); u

ix. Bilanċ ta' €141.35 dovut lill-Vodafone.

<u>Talbiet marbuta mal-Ordni ta' Ffriżar</u>

9. Fil-mori tal-proċeduri penali kontrieh, ir-rikorrent għamel numru ta' talbiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u l-

Qorti Kriminali sabiex, minkejja l-ordni ta’ ffriżar maħruġa kontrih, ikun jista’ jagħmel pagamenti u jirtira flejjes. F’dan ir-rigward:

i. Fl-10 ta’ Ġunju 2014 Fenech talab lill-Qorti tawtorizza: (i) lill-Bank tiegħu jerġa’ jibda jirċievi pagamenti mensili a saldu ta’ debitu ta’ €2,246.70 li huwa kellu mal-istess Bank; u (ii) lis-soċjetà assiguratriċi tal-vettura tiegħu biex iġġedded il-polza tal-assikurazzjoni tal-istess vettura[11]. Wara xi kjarifikazzjonijiet, l-Avukat Ġenerali ma sabx oġġezzjoni għal hekk[12] u b’digriet mogħti fil-25 ta’ Ġunju 2014 il-Qorti Kriminali laqgħet dik it-talba[13];

ii. Fit-2 ta’ Frar 2018 Fenech talab li huwa jiġi awtorizzat jirrilaxxja l-assistenza soċjali mill-bank tiegħu ‘*u dana peress li dan il-ħlas huwa l-uniku mezz ta’ għejxien’* tiegħu[14]. Dik it-talba ntlaqgħet mill-Qorti Kriminali fit-3 ta’ Frar 2016[15];

iii. Fil-15 ta’ Lulju 2016 Fenech ippreżenta rikors ieħor quddiem il-Qorti Kriminali fejn irrileva li huwa kien sab impieg ġdid u

[11] Fol. 193 Vol. 2 tal-proċeduri fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et</u>**, Kumpilazzjoni Numru 277/2014. Kopja tal-atti a fol. 45 *et seq*. tal-proċeduri odjerni

[12] Fol. 200 Vol. 2 tal-proċeduri fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et</u>**, Kumpilazzjoni Numru 277/2014

[13] Fol. 209 Vol. 2 tal-proċeduri fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et</u>**, Kumpilazzjoni Numru 277/2014

[14] Fol. 459 Vol. 3 tal-proċeduri fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et</u>**, Kumpilazzjoni Numru 277/2014. Kopja tal-atti a fol. 59 *et seq.* tal-proċeduri odjerni

[15] Fol. 462 Vol. 3 tal-proċeduri fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et</u>**, Kumpilazzjoni Numru 277/2014

ried juża l-kont bankarju tiegħu biex jirċievi l-paga. Talab għalhekk li huwa jiġi awtorizzat jiżbanka dak id-dħul[16]. B'risposta ppreżentata fl-20 ta' Lulju 2016, l-Avukat Ġenerali wieġeb illi filwaqt li huwa joġġezzjona għat-talba kif dedotta, huwa ma jsib ebda oġġezzjoni li Fenech jiġi awtorizzat jiżbanka ammont mhux aktar minn €13,976.24 fis-sena *a tenur* tal-Artikolu 22A(1) tal-Kap. 101[17]. Dan wassal biex b'digriet mogħti fit-22 ta' Lulju 2016 il-Qorti Kriminali ordnat lir-rikorrent biex fi żmien ġimgħa jindika permezz ta' nota kemm hu l-introjtu in kwistjoni u f'liema kont bankarju se jiġi depożitat[18], nota li huwa effettivament ippreżenta fit-28 ta' Lulju 2016[19], u b'digriet mogħti fit-30 ta' Awwissu 2016 il-Qorti Kriminali awtorizzat lil Fenech jirtira mill-kont bankarju indikat is-somma ta' €1,164.69 fix-xahar;

iv. Fil-25 ta' Mejju 2021 Fenech reġa' talab lill-Qorti Kriminali sabiex tawtorizzah *'jinxurja l-vettura hawn fuq imsemmija u b' hekk tvarja l-ordni tal-iffriżar'*[20]. Madanakollu, b'nota

[16] Paġna mhux numerata wara fol. 478 Vol.3 tal-proċeduri fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et</u>,** Kumpilazzjoni Numru 277/2014. Kopja tal-atti a fol. 65 *et seq*. tal-proċeduri odjerni

[17] Paġna mhux numerata wara fol. 478 Vol.3 tal-proċeduri fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et</u>**, Kumpilazzjoni Numru 277/2014

[18] Paġna mhux numerata wara fol. 478 Vol.3 tal-proċeduri fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et</u>,** Kumpilazzjoni Numru 277/2014

[19] Fol. 567 Vol. 3 Kumpilazzjoni Numru 277/2014

[20] Fpl. 947 Vol. 5 tal-proċeduri fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et</u>**, Kumpilazzjoni Numru 277/2014. Kopja tal-atti a fol. 75 *et seq*. tal-proċeduri odjerni

ppreżenata fl-24 ta' Awwissu 2021 ippreżenta d-dokumenti meħtieġa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)[21];

v. Fl-4 ta' Ottubru 2021 Fenech talab varjazzjoni fil-*freezing order* sabiex minnha tiġi eżentata l-vettura tiegħu għaliex kellu bżonn jużaha għax-xogħol u għal xi emerġenza[22]. L-Avukat Ġenerali wieġbet illi l-*freezing order* timpedixxi lir-rikorrent biss li jittrasferixxi l-vettura in kwistjoni lil terzi u mhux li jużaha[23]. B'digriet mogħti fit-8 ta' Frar 2022 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja ċaħdet it-talba '*peress li mhijiex meħtieġa varjazzjoni tal-Ordni sabiex jitħallsu l-poloz tal-assikurazzjoni u liċenzji iżda biss awtorizzazzjoni għall-ħlas'*[24].

<u>Il-Proċeduri Kostituzzjonali</u>

10. B'rikors ippreżentat fis-26 ta' April 2023 ir-rikorrent Fenech fetaħ il-kawża in eżami. Ilmenta illi meta tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Struttorja akkużat b'diversi reati fid-19 ta' Marzu 2014,

---

[21] Fol. 967 *et seq* Vol. 6 tal-proċeduri fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et</u>**, Kumpilazzjoni Numru 277/2014. Kopja tal-atti a fol. 86 *et seq*. tal-proċeduri odjerni
[22] Fol. mhux numerat wara fol. 885 Vol. 5 tal-proċeduri fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et,</u>** Kumpilazzjoni Numru 277/2014. Kopja tal-atti a fol. 94 *et seq*. tal-proċeduri odjerni
[23] Paġna mhux numerata f' Vol. 5 tal-proċeduri fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et</u>**, Kumpilazzjoni Numru 277/2014
[24] Paġna mhux numerata f' Vol. 5 tal-proċeduri fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et</u>**, Kumpilazzjoni Numru 277/2014

inħarġet ordni ta' ffriżar kontrih *a tenur* tal-Artikolu 22A tal-Kap. 101 u sal-lum għadha fis-seħħ għaliex il-proċeduri għadhom *sub judice* fi stadju tal-provi tal-prosekuzzjoni. Sostna li minħabba f'hekk la seta' jħallas l-*insurance* tal-karozza u lanqas jixtri proprjetà. Għalhekk talab lill-Qorti:

> *"1. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofra leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-posseddiment tiegħu kif protett bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott -kap. 319 tal-Liġijiet ta; Malta*
>
> *2. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofra wkoll leżjoni tad-dritt tal-Artiklu 7 tal-konvenzoni Ewoqea Ewropem [recte: Konvenzjoni Ewropea], L-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Arrtiklu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liuijiet [recte: Liġijiet] ta' Malta u dan peress illi l-ordni ta' iffriżar qiegħed jinflinġi fuq piena konegwnbzali mill-eħrex mingħajr ma huwa ħati li kkommetta reat uu di piu d-dewmien esagerst [recte: eżaġerat] li spiss kien mgħoddi minn Maġistrat għall-ieħor*
>
> *3. Tannulla u tirrevoka l-ordni tal-iffriża lriminali [recte: Kriminali] fl-ismijiet Pulizija vs Brian Fenech*
>
> *4. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti;*
>
> *5. Tordna lill-intimat jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti;*
>
> *6. Tordna tagħti dawk il-prvedimenti kollha li hija tħoss neċessarju sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.*
>
> *Bl-imgħax kontra l-intimatri li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni."*

11. Permezz ta' risposta ppreżentata fis-26 ta' Mejju 2023[25], l-intimati Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat sostanzjalment wieġbu illi: l-intimata Avukat Ġenerali mhijiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju; li l-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat Kostituzzjonali / Konvenzjonali tagħha *in vista* tal-fatt li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju li m'utilizzax; u li fil-mertu

[25] Fol. 8 *et seq.*

l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

12. B’sentenza mogħtija fid-29 ta’ Mejju 2024 [“is-sentenza appellata”] l-Ewwel Qorti ddeċidiet billi:

> *“1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati;*
> *2) Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimati;*
> *3) Tilqa’ t-tielet eċċezzjoni tal-intimati;*
> *4) Tiċħad ir-raba’ u l-ħames eċċezzjonijiet tal-intimati;*
> *5) Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrent;*
> *6) Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrent;*
> *7) Tilqa’ r-raba’ talba tar-rikorrent, u tiddikjara li l-intimati għandhom iħallsuh kumpens fl-ammont ta’ disat elef Euro (€9,000), bħala kumpens għad-danni morali sofferti minnu.*
>
> *Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu kwantu għal tliet kwarti mill-intimati u kwantu għall-kwart mir-rikorrent.”*

**<u>L-Appell u L-Appell Inċidentali</u>**

13. L-intimati appellaw b’rikors ippreżentat fis-6 ta’ Ġunju 2024 in kwantu aggravati illi l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta’ ewżawriment ta’ rimedji ‘ordinarji’ u f’dik il-parti li sabet ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

14. Talbu għalhekk lil din il-Qorti:

> *“1. Tikkonferma s-sentenza appellata fejn intlaqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-esponenti, fejn ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tal-esponenti u ġew miċħuda t-tieni u t-tielet talbiet tal-appellat;*

> *2. Tħassar u tirrevoka l-bqija tas-sentenza appellata u konsegwentement tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-esponenti u tiċħad it-talbiet kollha rimanenti tal-appelllat.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."*

15. Permezz ta' tweġiba ppreżentata fid-9 ta' Awwissu 2024[26] ir-rikorrent appellat wieġeb li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma fl-intier tagħha b'dan illi l-appell tal-Avukat Ġenerali għandu jiġi miċħud inkwantu infondat fil-fatt u fid-dritt.

16. Min-naħa tiegħu r-rikorrent ressaq appell inċidentali fejn ilmenta illi minkejja li l-Ewwel Qorti sabet ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu m'ordnatx it-tħassir jew revoka tal-ordni ta' ffriżar u għalhekk ippermettiet li l-leżjoni minnha ravviżata tkompli sseħħ. Talab għalhekk lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata billi:

> *"tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn laqgħet l-ewwel u r-raba' talbiet tiegħu, tvarja dik il-parti fejn ċaħdet it-tielet talba billi tilqa' tali talba u tikkonferma l-kumplament tas-sentenza.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanxi kontra l-appellanti jew min minnhom."*

17. Permezz ta' tweġiba ppreżentata fit-28 ta' Awwissu 2024[27], l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali eċċepew illi r-risposta tal-appell u l-appell inċidentali ġew ippreżentati tardivament u għalhekk huma nulli.

---

[26] Fol. 141 *et seq*.
[27] Fol. 160 *et seq*.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### <u>L-Allegata Nullità tar-Risposta u tal-Appell Inċidentali tar-Rikorrent</u>

18. Jinsab konsolidat fil-ġurisprudenza tagħna li l-osservanza tat-termini stabbiliti kemm fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u kif ukoll f'liġijiet oħra speċjali li jirregolaw il-kondotta tal-proċeduri quddiem qorti jew tribunal, huma ta' ordni pubbliku b'dan illi ma jistgħu bl-ebda mod jiġu injorati, rinunzjati jew mibdula. Dan għal raġunijiet ta' ċertezza legali. Għalhekk, l-inosservanza ta' xi terminu bħal dak tista' saħansitra tiġi sollevata mill-Qorti *ex officio*[28].

19. F'dan il-każ, japplikaw ir-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (S.L. 12.09) li fir-regola 4 jipprovdu illi:

> *"(2) Ir-rikors ta' l-appell għandu jsir fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tad-deċiżjoni appellata,* ***u l-appellat jista' jippreżenta risposta bil-miktub fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mid-data tan-notifika*** *..."*

20. Mill-atti jirriżulta li fit-23 ta' Lulju 2024 ir-rikorrent kien notifikat bir-rikors tal-appell[29]. L-għada, 24 ta' Lulju 2024 ġie ppreżentat f'ismu rikors għall-benefiċċju għall-għajnuna legali[30] u l-istess kien akkordat fil-25 ta'

---

[28] **<u>Geoffrey u Rita Konjuġi Mizzi v. Il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali u l-Avukat Ġenerali</u>**, deċiż minn din il-Qorti diversament komposta fil-31 ta' Jannar 2019
[29] Fol. 139 *overleaf*
[30] Fol. 156

Lulju, 2024[31]. Ir-rikorrent ippreżenta t-tweġiba u l-appell inċidentali fid-9 ta' Awwissu, 2024.

21. Fl-atti hemm kopja ta' nota tar-Reġistratur li fiha hemm dikjarat min huma l-avukati u l-prokuratur legali mill-Uffiċċju tal-Għajnuna Legali li ġew assenjati għall-każ tar-rikorrent. Nota li ma fihiex data. Minkejja d-digriet tal-Qorti tal-25 ta' Lulju 2024 li bih ordnat li r-rikorrent jingħata l-Għajnuna Legali, mill-provi ma rriżultax x'kienet id-data meta effettivament l-avukat u prokuratur legali li qegħdin jassistu lir-rikorrent, ġew assenjati l-każ u infurmati bih. Għalhekk il-Qorti ma tistax tikkonkludi li t-tweġiba u l-appell inċidentali ġew preżentati *fuori termine*.

22. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni li l-appell inċidentali hu null.

**<u>L-Appell tal-Intimati</u>**

23. L-aggravji tal-intimati Avukat tal-Istat u Avukat Ġenerali huma tnejn.

*L-Ewwel Aggravju – l-Allegat Rimedju Ordinarju*

---

[31] Fol. 155

24. L-ewwel aggravju tal-intimati hu minn dik il-parti tas-sentenza appellata li ċaħdet l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' eżawriment ta' rimedji ordinarji qabel fetaħ il-kawża, abbażi tal-motivazzjoni segwenti:

> *"22. ... Hawnhekk il-Qorti ma tistax taċċetta dak li qalu l-intimati, li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu r-rimedju ordinarju tat-talba għal varjazzjoni, u naqas milli jagħmel użu minn dan ir-rimedju, għaliex dak li qiegħed jilmenta dwaru r-rikorrent huwa l-ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu dwar il-ħarsien tal-proprjetà, partikolarment għaliex huwa ma setax jakkwista proprjetà tiegħu, iżda kien kostrett jibqa' jgħix fil-kera. Ma kien hemm l-ebda rimedju ordinarju li r-rikorrent seta' jagħmel użu minnu sabiex jilqa' għal dan il-ksur lamentat. ..."*

25. L-intimati jikkontendu li l-Ewwel Qorti ma fehmitx x'kien ir-rimedju in kwistjoni u ma ndirizzatx sew din l-eċċezzjoni. Jisħqu li meta saret it-talba għall-ħruġ tal-Ordni u din ġiet milqugħa (20 ta' Marzu 2014) l-Artikolu 23A(5) tal-Kodiċi Kriminali kien jipprovdi żmien tlitt ijiem tax-xogħol sabiex jitlob lill-Qorti Kriminali tirrevoka l-ordni ta' ffriżar, liema rimedju Fenech m'użax. Għalhekk isostnu illi r-rikorrent ma jistax jilmenta minn dawn il-konsegwenzi tal-Ordni ta' Ffriżar.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

26. Testwalment, it-tieni eċċezzjoni tal-intimati taqra hekk:

> *"2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, ai termini tal-provisos tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha in vista tal-fatt li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju li, għal raġunijiet li jaf hu biss, ma utilizzahx. Dan jingħad għaliex filwaqt li r-rikorrent qiegħed jilmenta dwar l-ordni ta' ffriżar u l-effetti tagħha, kif diġà ġie aċċennat u ser jiġi muri f'dawn il-proċeduri, ir-rikorrent baqa' passiv wara l-ħruġ tal-ordni ta' ffriżar kontrieh. Ir-rikorrent ma għandux jinqeda b'dawn il-proċeduri*

*kostituzzjonali – rimedju straordinarju – sabiex jottjeni dak li faċilment seta' jottjeni kieku ħa inizjattiva fil-mument opportun."*

27. F'din l-eċċezzjoni l-Artikolu 23A(5) tal-Kodiċi Kriminali ma jissemmiex espressament. Fl-appell tagħhom l-intimati jippretendu li l-Ewwel Qorti kellha tirreferi għalih, u dan kellu jwassalha sabiex tirrifjuta li tistħarreġ l-ilment tar-rikorrent fil-mertu.

28. Fl-ewwel lok issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem [QEDB] fil-każ ta' **Shorazova v. Malta**[32], fejn ġie osservat illi:

*"although Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, judicial proceedings concerning the right to the peaceful enjoyment of one's possessions must also afford the individual a reasonable opportunity of putting his or her case to the competent authorities for the purpose of effectively challenging the measures interfering with the rights guaranteed by this provision (see G.I.E.M. S.R.L. and Others, cited above, § 302 and the case-law cited therein). An interference with the rights provided for by Article 1 of Protocol No. 1 cannot therefore have any legitimacy in the absence of adversarial proceedings that comply with the principle of equality of arms, allowing discussion of aspects that are important for the outcome of the case. In order to ensure that this condition is satisfied, the applicable procedures should be considered from a general standpoint (ibid)."*

29. L-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, li miegħu hi marbuta l-eċċezzjoni preliminari, jirregola l-iffriżar tal-proprjetà ta' xi persuna imputata jew akkużata b'reat rilevanti u ġie introdott bis-saħħa tal-Att III tas-sena 2002. Wara xi emendi fl-2004 u fl-2010, dik id-dispożizzjoni ġiet sostitwita bis-saħħa tal-Att VI tal-2024 u llum tipprovdi li, bl-eċċezzjoni tal-

[32] *Application no. 51853/19*

persuni imputati jew akkużati b'reat kontra d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 31 jew tal-Kap. 101, l-iffriżar tal-proprjetà ta' xi persuna li tkun imputata jew akkużata b'reat rilevanti għandu jkun regolat bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità [Kap. 621].

30. Dan qiegħed jingħad għal kull *buon fini* għaliex l-eċċezzjoni tal-intimati hija limitata għar-rimedju taħt l-Artikolu 23A(5) tal-Kodiċi Kriminali, li Fenech kellu fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol mid-data tal-ħruġ tal-ordni fl-20 ta' Marzu 2014.

31. F'dik id-data, l-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali kien jipprovdi hekk:

> *"23A. (1) F'dan l-artikolu, kemm-il-darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra –*
>
> *"l-Att" tfisser l-Att kontra Money Laundering;*
>
> *"l-Ordinanzi" tfisser l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha;*
>
> *"reat rilevanti" tfisser kull reat li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja ħlief għal delitt taħt l-Ordinanzi jew taħt l-Att, li għalih tista' tingħata l-piena ta' priġunerija jew ta' detenzjoni għal żmien iktar minn sena.*
>
> *(2) Meta persuna tiġi akkużata b'reat rilevanti, għandhom japplikaw mutatis mutandis id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att u l-istess disposizzjonijiet għandhom japplikaw għal kull ordni li ssir mill-Qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu bħallikieku din kienet ordni magħmula mill-Qorti taħt l-imsemmi artikolu 5 tal-Att.*
>
> *(3) Meta l-qorti ma tipproċedix biex tagħmel ordni kif meħtieġ taħt is-subartikolu (2) il-qorti għandha minnufih tagħmel ordni temporanja ta' iffriżar li jkollha l-istess effett ta' ordni magħmula taħt l-artikolu 5 tal-Att liema ordni temporanja għandha tibqa' fis-seħħ sa dak iż-żmien li l-qorti tagħmel l-ordni meħtieġa millimsemmi subartikolu.*

*(4) Meta għal xi raġuni kwalunkwe l-qorti tiċħad talba magħmula mill-prosekuzzjoni għal ordni taħt is-subartikolu (2), l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol, mid-data tad-deċiżjoni tal-qorti, jagħmel talba lill-Qorti Kriminali biex tagħmel l-ordni meħtieġa u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att għandhom mutatis mutandis japplikaw għall-ordni magħmula mill-Qorti Kriminali taħt dan is-subartikolu daqs li kieku kienet ordni magħmula mill-qorti taħt l-istess artikolu 5. L-ordni temporanja ta' iffriżar magħmula taħt is-subartikolu (3) għandha tibqa' fis-seħħ sakemm l-Qorti Kriminali tieħu deċiżjoni dwar it-talba.*

*(5) L-akkużat għandu fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta' meta saret l-ordni taħt is-subartikolu (2) jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni magħmula taħt is-subartikolu (2) tibqa' fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata mill-Qorti Kriminali."*

32. L-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering [Kap. 373], li għalih jirreferi l-Artikolu 23A. tal-Kodiċi Kriminali, kien jipprovdi illi:

*"5. (1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –*

*(a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u*

*(b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort' oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:*

*Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (13,976.24) fis-sena:*

*Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –*

*(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*

*(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.*

*(2) Dak l-ordni għandu –*

*(a) jibda jseħħ u jorbot lit-terzi persuni kollha immedjatament malli jsir, u d-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandu jieħu ħsieb li avviż dwaru jiġi pubblikat mingħajr dewmien fil-Gazzetta, u għandu jieħu ħsieb ukoll li kopja tiegħu tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku dwar proprjetà immobbli, u*

*(b) jibqa' jseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konkluživ, u fil-każ li persuna tinsab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet esegwita.*

*(3) Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul.*

*(4) Kull ordni bħal dak għandu jkun fih l-isem u l-kunjom tal-akkużat, il-professjoni, is-sengħa jew stat ieħor tiegħu, isem missieru, isem ommu u kunjom ta' xbubitha, post tat-twelid u post ta' residenza u numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu, jekk għandu.*

*(5) Meta xi flus ikunu jew isiru dovuti lill-akkużat mingħand xi persuna fil-waqt li dak l-ordni jkun fis-seħħ, dawk il-flus għandhom, sakemm ma jkunx ordnat xort'oħra f'dak l-ordni, jiġu depożitati f'bank għall-kreditu tal-akkużat.*

*(6) Meta dak l-ordni ma jibqax fis-seħħ kif provdut fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, r-Reġistratur tal-Qorti għandu jieħu ħsieb li avviż f' dak is-sens jiġi pubblikat fil-Gazzetta, u għandu jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku nota li tħassar ir-reġistrazzjoni ta' dak l-ordni."*

33. Mhux kontestat li Fenech ma utilizzax ir-rimedju mogħti lilu bl-Artikolu 23A.(5) tal-Kodiċi Kriminali kif fis-seħħ meta nħarġet l-Ordni ta' Ffriżar kontrih (20 ta' Marzu 2014). Rimedju li kien disponibbli għalih għal terminu qasir ta' tlitt ijiem tax-xogħol mid-data tal-ħruġ tal-ordni. Dan iżda ma jfissirx illi l-Ewwel Qorti kellha tiċħad milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali / konvenzjonali tagħha *a tenur* tal-*provisos* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, kif jippretendu l-intimati.

34. Fir-rigward, fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Tristen Kyle Pisani v. L-Avukat Ġenerali et</u>**, deċiża minn din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru 2024, ingħad hekk:

> *"21. 'Rimedju' ieħor li ssemmiet fis-sentenza appellata hu li skont l-Art. 23A(5) tal-Kodiċi Kriminali kif in vigore qabel ma ġie sostitwit bl-emenda VI.2024.3, seta' jitlob ir-revoka tal-ordni fi żmien tlitt ijiem xogħol mid-data tal-ħruġ.*
>
> *22. Hu fatt li r-rikorrent ma talabx għar-revoka tal-ordni f'dak it-terminu. Però jibqa' l-fatt li l-proċeduri kriminali għadhom pendenti sitt snin wara li inbdew. L-ordni ta' ffriżar tolqot mhux biss il-ġid li kellu r-rikorrent fid-data li nħarġet, iżda kwalsiasi introjtu, dħul, ħlas jew akkwist ta' proprjetà, kemm inter vivos u kif ukoll causa mortis, li r-rikorrent jista' jippreċepixxi / jagħmel sakemm il-proċeduri kontrieh ikunu deċiżi b'mod finali u konklussiv, jew, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, sakemm is-sentenza tkun ġiet eżegwita (ara l-Artikolu 22A(2)(b) tal-Kap. 101). Għalkemm hemm il-possibilità li l-effetti tal-ordni jiġu mitigati billi r-rikorrent jitlob lill-Qorti sabiex tibdel dak l-ordni, ma ntweriex li r-rikorrent għandu għad-dispożizzjoni tiegħu proċedura li biha jista' jitlob ir-revoka tal-ordni tal-iffriżar. Anzi l-liġi hi ċara li l-ordni għandha tibqa' fis-seħħ sakemm jinqatgħu l-proċeduri jew tiġi eżegwita s-sentenza. L-iskop aħħari wara l-kawża li fetaħ ir-rikorrent hu sabiex titħassar l-ordni tal-iffriżar (tielet talba tar-rikors promotur).*
>
> *...*
>
> *24. Hu fatt li r-rikorrent kellu u għad għandu l-mezz biex jitlob it-tibdil tal-ordni ... Madankollu, b'daqshekk ma jfissirx li naqas milli jagħmel użu mir-rimedju ordinarju, ġialadarba l-ilment tar-rikorrent hu dwar l-ordni tal-iffriżar per se u b' din il-kawża qiegħed ifittex sabiex titneħħa peress li qiegħed jilmenta li tilledi l-jedd fundamentali protett taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni."*

35. F'dan il-każ ukoll, wieħed irid iqis li:

i. l-ordni kontra Fenech nħarġet aktar minn ħdax-il sena ilu, u laqtet mhux biss il-ġid li huwa kellu sa dak iż-żmien iżda kwalsiasi introjtu, dħul, ħlas jew akkwist ta' proprjetà, kemm *inter vivos* u kif

ukoll *causa mortis*, li huwa rċieva u għad jista' jirċievi sakemm il-proċeduri kontrih ikunu deċiżi b'mod finali u konklussiv, jew, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, sakemm is-sentenza tkun ġiet eżegwita; u li

ii. il-ksur allegat minn Fenech huwa marbut mal-ordni ta' ffriżar <u>per se</u> in kwantu jallega li ma jistax iħallas l-*insurance* tal-karozza, għandu tifel b'kundizzjoni f'għajnejh u jirrikjedi kura u operazzjonijiet ta' spiss fl-Ingilterra, u li ġie mċaħħad mid-dritt li jixrti proprjetà u minflok iħallas *loan repayments* qiegħed iħallas kera. <u>Ċirkostanzi allura li mhumiex limitati għall-mument meta nħareġ l-ordni iżda għall-effetti tal-ordni matul il-ħdax (11)-il sena li ilu *in vigore*.</u> Huwa b'referenza għal hekk li llum qiegħed jitlob it-tħassir tal-ordni (tielet talba).

36. Konsegwentement, ir-rimedju mogħti lil Fenech bis-saħħa tal-Artikolu 23A(5) tal-Kodiċi Kriminali mhuwiex wieħed li jeradika l-lanjanza.

37. F'kull każ, il-Qorti tal-ewwel grad mhux biss dehrilha li ma kellhiex tiddeklina li teżerċita s-setgħat tagħha, talli meta daħlet fil-mertu <u>sabet ksur tad-drittijiet fundamentali ta' Fenech</u>.

38. F'xenarju bħal dan żgur hu,

> *"aktar xieraq illi l-aggravju dwar rimedju ordinarju ma jintlaqax, u illi l-appell jinstema' wkoll fil-meritu, partikolarment għax ma jkunx għaqli illi sentenza li ssib ksur ta' drittijiet tkun tħassret mhux għal raġunijiet ta' meritu iżda minħabba punt proċedurali, b'mod illi d-deċiżjoni li sabet ksur ta' drittijiet tibqa' mdendla, biex ngħidu hekk. Ladarba ġà hemm deċiżjoni ġudizzjarja li toħloq għallinqas dubju prima facie li kien hemm ksur ta' drittijiet, ikun aktar għaqli li dak id-dubju jew jiġi konfermat jew jitneħħa."*[33]

39. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

*It-Tieni Aggravju – l-Allegat Ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll*

40. It-tieni aggravju tal-intimati jolqot il-mertu tal-leżjoni identifikata mill-Ewwel Qorti li kienet ibbażata fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"14. Fl-ewwel ilment tiegħu r-rikorrent jgħid li huwa qiegħed isofri minn leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, kif riprodott fil-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta [hawnhekk 'il-Konvenzjoni'], u dan minħabba l-mod kif l-Ordni ta' Ffriżar qiegħda tolqot l-assi tiegħu, inklużi flus fil-banek u kull forma ta' introjtu li huwa jkollu minn impjieg. Jgħid li bl-impożizzjoni tal-Ordni ta' Ffriżar, huwa qiegħed ibati anki għaliex ma jistax iħallas għall-assigurazzjoni tal-vettura tiegħu, u ma setax jixtri proprjetà, iżda kien kostrett li jibqa' jgħix fil-kera. Dan fl-istess waqt li kif ġie ppruvat, ir-rikorrent kellu jiffaċċja diversi sfidi minħabba mard serju li laqat lit-tifel tiegħu, u b'hekk huwa kellu bżonn isiefer diversi drabi sabiex jakkumpanjah waqt li kien qiegħed jirċievi kura barra l-pajjiż. Ir-rikorrent jimputa din it-tbatija li huwa sofra tul is-snin għall-fatt li l-Ordni ta' Ffriżar ġiet imposta fuqu dakinhar li huwa tressaq quddiem il-Qorti fl-2014, u għall-fatt li din l-Ordni għadha fis-seħħ, fl-istess waqt li l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-konfront tiegħu, għadhom ma ġewx magħluqa. Din il-Qorti tfakkar li kull persuna mixlija quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, tibqa' preżunta innoċenti sakemm tinstab ħatja, u d-dewmien sabiex jiġu konklużi proċeduri kriminali fil-konfront ta' persuna, iġib miegħu ħafna riperkussjonijiet fuq il-ħajja tal-persuna in kwistjoni, fosthom l-ansjetà u l-istat ta' inċertezza li l-persuna tkun għaddejja minnu, u l-prolungament tal-effetti negattivi li jġibu magħhom il-miżuri kawtelatorji imposti mill-Qorti.*

[33] **<u>George Degiorgio v. L-Avukat Ġenerali et</u>** deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Frar 2024, (Rik. Kost. 198/2019/3) para 35

*15. Fil-każ odjern, l-Ordni ta' Ffriżar saret taħt l-artikoli 22A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u taħt l-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikolu 22A tal-Kap. 101 jgħid illi:*

> *"22A (1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 22, b'bejgħ jew bi traffikar ta' mediċina jew bi promozzjoni, kostituzzjoni, organizzazzjoni jew finanzjament ta' assoċjazzjoni taħt is-subartikolu 1(f) ta' dak l-artikolu jew bir-reat fis-subartikolu 1Ċ tal-istess artikolu, jew bir-reat ta' pussess ta' xi mediċinali, kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma jkunx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –*
>
> *(a) Li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u*
>
> *(b) Li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:*
>
> *Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għajxien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena:*
>
> *Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –*
>
> *(a) Tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lill-kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*
>
> *(b) Għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.*
>
> *(3) Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni hekk kif mibdul."*

*16. L-Ordni ta' Ffriżar in kwistjoni inħarġet fl-20 ta' Marzu, 2014, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet* ***Edward Caruana vs. Avukat tal-Istat et,*** *fejn din il-Qorti kif diversament preseduta għamlet is-segwenti osservazzjonijiet dwar il-pretensjonijiet tar-rikorrent li l-Ordni ta' Ffriżar kienet leżiva tal-jeddijiet proprjetarji tiegħu:*

*"41. ... tlieta huma l-elementi illi din il-Qorti għandha tindaga jekk jissussistux jew le, sabiex ma tirriżultax leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u ċioe:*

*(a) Il-miżura trid tkun saret taħt qafas legali;*
*(b) L-iskop tagħha jrid ikun leġittimu;*
*(c) Irid jinżamm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.*

*Jidher illi mhux qed jiġi kontestat illi l-miżura fit-termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta saru taħt qafas legali u għal għan leġittimu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jiddikjara, "Jibda biex jingħad illi r-rikorrent huwa konxju li l-miżura meħuda mill-Istat saret taħt qafas legali u li l-iskop tal-miżura jista' jservi għan leġittimu." Dan huwa preċiżament dak illi ġie rikonoxxut ukoll mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***Apostolovi v. Bulgaria*** *(App. Nru. 32644/09, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Ħames Sezzjoni), 7 ta' Frar, 2020 § 20), u ċioe illi Ordni ta' Qbid u Iffriżar hija, "meant to ensure that the assets at issue would remain available to satisfy a possible confiscation, forfeiture or fine; it thus pursued a legitimate aim in the general interest." Hekk ukoll f'****Dzinic v. Croatia*** *(App. Nru. 38359/13, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Tieni Sezzjoni), 17 t'Awwissu, 2016, §65-66) u ċioe illi Ordni ta' Qbid u Iffriżar hija, "the application of provisional measures in the context of judicial proceedings, aimed at anticipating a possible confiscation of property, was in the "general interest" of the community. […] The Court therefore accepts that the interference at issue pursued a legitimate aim.*

*...*

*46. Hekk ukoll, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***Apostolovi v. Bulgaria*** *suċitata, il-Qorti Ewropea irriteniet:*

*"95. The main issue is whether there was a reasonable relationship of proportionality between that aim and the means employed to attain it.*

*96. The freezing of assets in the context of criminal proceedings with a view to making them available to satisfy a possible confiscation, forfeiture or fine is not at such open to criticism (see Dzinic, § 68, and Uzan and Others, § 204, both cited above). But since it carries with it a risk of unduly fettering the ability of the people holding rights in those assets freely to dispose of them, it must be attended by enough procedural*

*safeguards to ensure that the measure is not arbitrary or disproportionate (ibid, as well as Piras, cited above, § 55). The available procedures as a whole must afford those affected by the freezing a reasonable opportunity of putting their case to the competent authorities with a view to enabling them to strike a fair balance between the competing interests at stake (see Piras, § 55, and Uzan and Others, § 214, both cited above).*

*97. It must, then, be ascertained whether the relevant procedures, seen as a whole, met this requirement."*

*17. Fis-sentenza appena ċċitata, ir-rikorrent semma diversi raġunijiet għalfejn fil-fehma tiegħu l-miżura kawtelatorja meħuda, ma żammitx bilanċ ġust u proporzjonat, u fost l-oħrajn semma kif l-ammont ta' €13,976.25 li huwa seta' jipperċepixxi annwalment, huwa baxx wisq, u li dan l-ammont tul is-snin baqa' ma ġiex aġġornat sabiex ikun jirrifletti l-għoli tal-ħajja u ż-żidiet fir-rata tal-inflazzjoni. Iżda l-Qorti f'dik il-kawża ddeċidiet li l-Ordni ta' Ffriżar xorta waħda tipprovdi għal diversi salvagwardji proċedurali li permezz tagħhom il-persuna milquta tista' ttaffi jew tinnewtralizza xi ftit mill-inkonvenjent li ordni bħal dik iġġib magħha.*

*18. L-Ordni ta' Ffriżar fil-konfront tar-rikorrent, inħarġet taħt l-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi għall- (i) possibilità li l-akkużat jipperċepixxi ammont massimu ta' €13,976.24 fis-sena, kif regolat bl-artikolu 5(1) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta qabel dan ġie emendat; (ii) possibilità li l-Qorti tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużati lil kredituri bona fide li jkunu saru qabel tkun ħarġet l-Ordni ta' Ffriżar; (iii) possibilità li l-akkużat jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli minkejja li din tkun milquta minn Ordni ta' Friżar; (iv) possibilità li l-akkużat jitlob lill-Qorti tibdel l-Ordni f'ċirkostanzi partikolari; u (v) possibilità li l-akkużat jitlob għar-revoka tal-Ordni fi żmien tliet ijiem ta' xogħol mid-data ta' meta saret l-Ordni. Il-Qrati tagħna konsistentement iddeċidew li dawn il-miżuri huma maħsuba biex joħolqu l-element ta' proporzjonalità, li fil-każ odjern ir-rikorrent jgħid li huwa nieqes.*

*19. L-argument ewlieni tar-rikorrent f'dawn il-proċeduri huwa li fil-prattika, huwa qiegħed isofri ċerti diffikultajiet minħabba fl-impożizzjoni ta' din l-Ordni fuqu. Jispjega kif huwa għandu diversi spejjeż li jmorru lil hinn minn spejjeż li jkollha tagħmel familja hekk meqjusa 'normali' fil-ħajja tagħha ta' kuljum, hekk kif ibnu li għadu żgħir ħafna fl-età, għandu problemi ta' saħħa li minħabba fihom ikollu jirrikorri għall-kura medika barra minn Malta. Ir-rikorrent jgħid ukoll li minħabba fl-impożizzjoni ta' din l-Ordni fuq ġidu, huwa kien kostrett li jibqa' jgħix fil-kera minflok xtara proprjetà tiegħu. Jgħid ukoll li lanqas ma jista' jgawdi kif jixtieq vettura li kien xtara qabel ġie akkużat, għaliex għandu diffikultajiet biex iħallas l-assigurazzjoni tagħha.*

*20. Il-Qorti tirrileva li fl-aħħar ġimgħat, proprju fid-9 ta' Frar, 2024, daħal fis-seħħ l-Att VI tal-2024, maħsub biex jemenda varji liġijiet dwar ir-rikavat mill-kriminalità. Fost l-artikoli tal-liġi li ġew emendati hemm l-artikolu 5(1)(b) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, li ġie sostitwit bl-artikolu 5 li jgħid hekk:*

> *"Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-prosekuzzjoni tista' titlob lill-Qorti tal-Maġistrati għal ordni ta' ffriżar u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom japplikaw."*

*21. L-artikolu 36 tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta ġie emendat permezz tal-Att XI tal-2024, sabiex is-sub-inċiż (5)(a) tiegħu, issa ġie jaqra:*

> *"Il-Qorti tista' tvarja Ordni ta' Qbid u Ffriżar permezz ta' rikors mill-persuna imputata jew akkużata. L-imsemmi rikors għandu jkun notifikat lill-prosekuzzjoni u lid-Direttur. Fuq dak ir-rikors, il-Qorti għandha tiddetermina xi flus jistgħu jitħallsu jew jiġu riċevuti mill-persuna imputata jew akkużata matul il-validità ta' dak l-Ordni, sabiex tippermetti lilu u lill-familja tiegħu għajxien deċenti f'ammont annwali li ma jkunx aktar mill-ammont stabbilit mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta u kull ammont ieħor illi l-Qorti tikkunsidra li jkun ġustifikat sabiex jitħallsu l-ispejjeż neċessarji."*

*22. Għaldaqstant jidher li l-leġislatur illum qiegħed jirrikonoxxi li l-ammont stabbilit f'liġi li daħlet fis-seħħ sebgħa u għoxrin sena ilu, jista' ma jkunx suffiċjenti biex jippermetti għajxien diċenti fil-ħajja tallum, u għalhekk introduċa din l-emenda fil-liġi sabiex persuni fil-pożizzjoni tar-rikorrent, ikunu jistgħu jitolbu varjazzjoni tal-ammont konċess lilhom biex ikunu jistgħu jgħixu huma u l-familja tagħhom. L-ammont ta' €13,976.24 kien maħsub biex jiggarantixxi ammont minimu għall-għajxien fiż-żmien meta tfasslet il-liġi, u mingħajr ebda dubju, is-saħħa tal-flus meta ġiet ippromulgata l-liġi mhijiex l-istess bħal dik tallum. Ċertament li persuna setgħet tagħmel ferm aktar b'dan l-ammont ta' flus sebgħa u għoxrin sena ilu, milli tista' tagħmel bih illum. Ir-rimedju tal-ordni ta' varjazzjoni li ddaħħal fil-liġi, xorta waħda seta' ma kienx suffiċjenti biex jindirizza l-lanjanza u t-tħassib tar-rikorrent, u dan għaliex biex isir rikors bħal dan, l-imputat ried jiġġustifika t-talba tiegħu billi jispjega għalfejn l-Ordni ta' Ffriżar għandha tiġi modifikata. Hawnhekk il-Qorti ma tistax taċċetta dak li qalu l-intimati, li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu r-rimedju ordinarju tat-talba għal varjazzjoni, u naqas milli jagħmel użu minn dan ir-rimedju, għaliex dak li qiegħed jilmenta dwaru r-rikorrent huwa l-ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu dwar il-ħarsien tal-proprjetà, partikolarment għaliex huwa ma setax jakkwista proprjetà tiegħu, iżda kien kostrett jibqa' jgħix fil-kera. Ma kien hemm l-ebda rimedju ordinarju li r-rikorrent seta' jagħmel użu minnu sabiex jilqa' għal dan il-ksur lamentat. L-ammont minimu li persuna għandha titħalla żżomm għall-għajxien tagħha u tal-*

*familja tagħha, għandu jkun ammont suffiċjenti biex jaqdi l-bżonnijiet ta' dik il-persuna u l-familja tiegħu, u mhux ammont li jista' jiġi varjat skont l-esiġenzi li jinqalgħu lil dik il-familja, u wara li ssir talba appożita lill-Qorti għal dan l-iskop. Din il-possibilità ta' varjazzjoni fl-Ordni ta' Ffriżar tiddependi għas-suċċess tagħha, miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, u mill-esiġenzi li jinqalgħu lil min jagħmel it-talba, u dan meta bl-introduzzjoni ta' dawn l-emendi leġislattivi l-leġislatur stess irrikonoxxa li l-ammont minimu annwali stabbilit fl-1997 mhuwiex suffiċjenti għall-ħtiġijiet ta' familja llum il-ġurnata.*

*23. Ir-rikorrent jilmenta li l-mod kif tħaddmet l-Ordni ta' Ffriżar u t-tul ta' żmien li ilha fis-seħħ din l-Ordni, lilu lledewlu l-jeddijiet tiegħu kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, li jgħid:*

> *"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara għall-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*
>
> *Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."*

*24. Il-Qorti tqis li m'għandu jkun hemm l-ebda kontestazzjoni li l-Ordni ta' Ffriżar in kwistjoni saret taħt qafas legali u għal għan leġittimu. Bħala regola ġenerali, il-Qrati tagħna jqisu tliet elementi sabiex jevalwaw jekk miżura kawtelatorja bħal din, hijiex leżiva tal-isemmi artikolu tal-Konvenzjoni jew tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jiġifieri: (i) li l-miżura tkun saret taħt qafas legali; (ii) li l-iskop tagħha jkun wieħed leġittimu; (iii) li jinżamm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa tar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. Fil-każ odjern, iċ-ċirkostanzi li fihom ġiet imposta din l-Ordni, it-tul ta' żmien li matulu din l-Ordni baqgħet fis-seħħ, u l-ammont annwali li r-rikorrent kien permess iżomm għalih u għall-familja tiegħu ladarba daħlet fis-seħħ din l-Ordni, jimpinġu fuq l-element tal-proporzjonalità li l-Qrati tagħna tant jisħqu fuqha fl-interpretazzjoni tagħhom ta' dan il-jedd fundamentali. Il-fatt li l-Ordni ta' Ffriżar hija maħsuba bħala miżura kawtelatorja temporanja, imma fil-każ odjern ipperdurat u ilha fis-seħħ għal aktar minn għaxar snin minħabba dewmien fil-proċeduri li bosta drabi ma kienx ġustifikat, ifisser li matul dawn l-aħħar snin, ir-rikorrent kellu jsib mezz kif jgħaddi b'ammont ta' flus li huwa inqas minn dak li familja teħtieġ għall-bżonnijiet tagħha ta' kuljum. Ir-rimedju tal-varjazzjoni, minkejja li jista' jitqies bħala salvagwardja proċedurali għal persuni fis-sitwazzjoni tar-rikorrenti, xorta waħda mhux rimedju adegwat, għaliex l-ammont minimu li persuna għandha titħalla żżomm għall-għajxien tagħha għandu jkun ammont ta' flus li jippermetti ħajja deċenti u dinjituża, u mhux ammont ta' flus li baqa' ma ġiex aġġornat*

*skont iż-żieda fl-inflazzjoni għal madwar 27 sena, u ma' kull intopp jew spiża mhux mistennija, il-persuna milquta trid tirrikori quddiem il-Qorti u trid tagħmel rikors sabiex ikun hemm varjazzjoni fl-ammont konċess skont il-liġi. Barra minn hekk, fil-każ odjern ir-rikorrent kien imċaħħad mill-possibbiltà li jkun jista' jakkwista l-proprjetà tiegħu minflok jikri, billi l-Ordni ta' Ffriżar żammitu wkoll milli jkun jista' jibbenefika minn skemi maħruġa mill-Gvern għal persuni li għandhom ċerta età, u issa jirriżulta li r-rikorrent tilef iċ-ċans li jibbenefika minn dawk l-iskemi. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li fil-każ odjern ir-rikorrent għandu raġun jilmenta dwar ksur tad-drittijiet tiegħu kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*...*

*29. Il-Qorti tqis ukoll li għandha tkun il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, li għandha tassigura li l-Ordni ta' Ffriżar in kwistjoni tiġi varjata jew modifikata b'mod li r-rikorrent ikun jista' jgħix hu u jgħajjex lill-familja tiegħu b'mod deċenti u dinjituż, u dan qiegħed jiġi deċiż fil-kuntest tat-talba tar-rikorrent biex din il-Qorti tannulla jew tirrevoka l-imsemmija Ordni. Il-Qorti timplora lill-intimati biex jassiguraw li l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent ma jipperdurawx bla bżonn, anki sabiex dan ma jgħaddix minn aktar tbatija bla bżonn minħabba l-Ordni ta' Ffriżar li ġiet imposta.*

*30. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern ir-rikorrent għandu jingħata rimedju li jmur lil hinn minn sempliċi dikjarazzjoni ta' ksur. Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent għandu jingħata danni morali għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu, liema kumpens qiegħed jiġi ffissat fis-somma ta' disat elef Euro (€9,000) li għandu jitħallas lilu mill-Istat."*

41. L-intimati jgħidu illi l-Qorti tal-ewwel grad kienet żbaljata meta kkonkludiet li Fenech sofra ksur tad-dritt fundamentali tiegħu protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Jisħqu illi tali dritt ma jiggarantixxix il-jedd li wieħed jakkwista l-proprjetà u għalhekk l-argument li l-appellat ġie mċaħħad milli jakkwista proprjetà immobbli huwa żbaljat. B'żieda ma' dan jikkontendu li l-appellat ma ressaq ebda prova li huwa kellu l-intenzjoni jew il-kapaċità jixtri proprjetà immobbli. L-intimati jattakkaw imbagħad dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi s-somma sa €13,976.24 li Fenech seta' jiżbanka f'sena

hija baxxa wisq billi jsostnu li l-paga minima nazzjonali, stabbilita fil-leġislazzjoni sussidjarja 452.131 hija anqas minn hekk u f'kull każ mill-provi jirriżulta li r-rikorrent kien jaqla' inqas minn hekk. Kwantu għar-rimedju tal-varjazzjoni l-appellanti jirreferu għas-sentenzi fl-ismijiet **Edward Caruana vs L-Avukat tal-Istat et**, **Tristen Kyle Pisani vs L-Avukat Ġenerali et**, u **Yorgen Fenech vs. L-Avukat tal-Istat**. Jargumentaw li minkejja li għadda ċertu żmien minn mindu ħareġ l-ordni ta' ffriżar, l-inkonvenjent li seta' sofra Fenech mhux sproporzjonat daqs kemm l-Ewwel Qorti argumentat li hu.

**Konsiderazzjonijiet**

42. *In linea* ta' prinċipji ġenerali terġa' ssir referenza għas-sentenza ta' **Shorazova v. Malta**[34], fejn il-QEDB osservat illi:

> *"103. … according to its case-law, Article 1 of Protocol No. 1, which guarantees in substance the right of property, comprises three distinct rules: the first, which is expressed in the first sentence of the first paragraph and is of a general nature, lays down the principle of peaceful enjoyment of property. The second rule, in the second sentence of the same paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions. The third, contained in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, among other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The second and third rules, which are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property, are to be construed in the light of the general principle laid down in the first rule …*
>
> *104. The freezing of assets in the context of criminal proceedings with a view to keeping them available to meet a potential financial penalty falls to be analysed under the second paragraph of Article 1 of Protocol*

[34] *Application no. 51853/19*

> *No. 1, which, among other things, allows States to control the use of property to secure the payment of penalties ... In such cases the Court must establish whether the measure was lawful and "in accordance with the general interest", and whether there existed a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised …*
>
> *105. In addition, the importance of the procedural obligations under Article 1 of Protocol No. 1 must not be overlooked. Thus the Court has, on many occasions, noted that, although Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, judicial proceedings concerning the right to the peaceful enjoyment of one's possessions must also afford the individual a reasonable opportunity of putting his or her case to the competent authorities for the purpose of effectively challenging the measures interfering with the rights guaranteed by this provision … An interference with the rights provided for by Article 1 of Protocol No. 1 cannot therefore have any legitimacy in the absence of adversarial proceedings that comply with the principle of equality of arms, allowing discussion of aspects that are important for the outcome of the case. In order to ensure that this condition is satisfied, the applicable procedures should be considered from a general standpoint (ibid).*
>
> *…*
>
> *113. According to the Court's case-law, the character of the interference, the aim pursued, the nature of property rights interfered with, and the behaviour of the applicant and the interfering State authorities are among the principal factors material to the assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it imposes a disproportionate burden on the applicants (see Karahasanoğlu, cited above, § 149). While the length of time during which the restrictions remained in place is a crucial part of the Court's assessment, the scope and nature of restrictions as well as the presence or absence of procedural guarantees are no less relevant (ibid., § 151). Indeed in previous cases where lengthy precautionary measures gave rise to a violation of Article 1 of Protocol No. 1,* ***the finding of a violation was based on an accumulation of factors*** *(see for example JGK Statyba Ltd and Guselnikovas v. Lithuania, no. 3330/12, §§ 130-33, 5 November 2013, and Džinić, cited above, §§ 70-82)."* (enfasi tal-Qorti)

43. L-Ordni ta' Ffriżar in kwistjoni ħarġet fl-20 ta' Marzu 2014 u imponiet "*blanket freezing*" fuq l-assi kollha ta' Fenech. Fatt li bla dubju kien u għadu ta' inkonvenjent. Madankollu, *in linea* mat-tagħlim

ġurisprudenzjali 'l fuq espost, dan il-fatt waħdu ma jwassalx awtomatikament għall-ksur tad-dritt ta' Fench protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Dan għaliex il-ħruġ ta' Ordni ta' Ffriżar tal-assi huwa eżerċizzju ta' kontroll fl-użu tal-proprjetà kontemplat fil-liġi u jservi interess ġenerali leġittimu.

44. Il-pern huwa iżda jekk, fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, tali miżura toħloqx bilanċ xieraq bejn l-interess ġenerali tal-komunità u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna affettwata b'dik l-ordni, ossija r-rikorrent Fenech[35].

45. Ir-raġunijiet li jsawru l-ilment ta' Fenech huma tlieta:

i. Illi għandu tifel b'kundizzjoni medika serja f'għajnejh u għalhekk ikollu jsiefer għall-kura l-Ingilterra ta' spiss;

ii. Illi huwa sab diffikultà jġedded l-insurance ta' karozza; u

iii. Illi ġie nnegat id-dritt li jixtri proprjetà u minflok *loan repayments* qiegħed ikollu jħallas il-kera.

---

[35] Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **<u>Edward Caruana v. L-Avukat tal-Istat et</u>** deċiża minn din il-Qorti fl-20 ta' Jannar 2025, para. 37

46. Kwantu għall-ewwel motivazzjoni, mill-atti jirriżulta li Fenech kellu tarbija fis-16 ta' Awwissu 2019, **Fenech**[36], u li dan it-tifel kellu bżonn diversi interventi fl-Ingilterra. Madanakollu, l-uniċi rikorsi in atti marbuta ma' tali kwistjoni saru sabiex Fenech jingħata l-permess isiefer ma' ibnu. Permessi li ngħatawlu. Ma ntweriex li f'dan ir-rigward għamel xi talba lill-Qorti u ġiet miċħuda.

47. Fix-xhieda tiegħu tas-17 ta' Novembru 2023, Fenech jispjega li:

> *"il-partner Ingliża, ta' sentejn it-tifel ġie diagnosed b' rare disease f' għajnejh … disease, telgħin u neżlin l-Ingilterra meta hi għandha l-accomodation hemm, waqt li mmorru l-ingilterra irrid inħallas seba' mija kera, internet etc, kieku aħna mmuvvjajna hemmhekk u noqgħodux telgħin u neżlin, iffrankajna l-flight, iffrankajt li nħallas il-kera hawn, sallbuni hux Sur Imħallef, anke biex inżomm responsabbiltà ta' missier, anke telqu, għax għat-tifel aħjar li nkun l-Ingilterra minħabba l-kura, infridna xahar imma t-tifel I want daddy I want daddy u ġiet hawn.*
>
> *…*
>
> *Konna qed nitilgħu kull sitt ġimgħat, issa jmissu f' Diċembru, ma raħx dan ix-xahar għad qiegħda hawn Malta, qallha kieku qiegħda l-Ingilterra narah f' Ottubru, qallha imma la ħa tkun Malta narah f' Diċembru, għad baqagħlu iġifieri, għada mhix stable għajnejh, għami minn waħda, just to preserve the eye biex jibqa' b' għajnejh."*

48. Ilment allura li huwa marbut mal-kawża kriminali nnifisha u mhux mal-Ordni ta' Ffirżar *per se*.

[36] Fol. 753 Vol. 5 tal-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Brian Fenech et**, Kumpilazzjoni Numru 277/2014

49. In kontroeżami (xhieda tas-17 ta' Novembru 2023[37]) Fenech innifsu kkonferma illi:

> *"Dr Farrugia: ... inkun korrett ngħid li qatt ma tlabt lill-qorti jew għarraft lill-qorti illi kellek xi spejjeż mediċi relatati mat-tifel u li kellek bżonn tagħmilhom minkejja l-freezing order?*
>
> *Xhud: Heq qatt ma avżjat, li għamilt kemm-il rikors jiena tiela' u nieżel l-Ingilterra bit-tifel hux.*
>
> *...*
>
> *Xhud: Biex insiefer.*
>
> *...*
>
> *Dr Farrugia: Inti għandek il-ħelsien mill-arrest allura tlabt illi tkun tista' ssiefer bit-tifel.*
>
> *Xhud: Certifikati tal-Ingilerra iva.*
>
> *Dr Farrugia: Pero jien li qed nistaqsik huwa fuq dan il-punt speċifiku, spejjeż mediċi tat-tifel ngħid sew illi inti qatt ma għidt lill-qorti isma hemm xi spejjeż tat-tifel imma għandi problema bil-freezing order?*
>
> *Xhud: Le le qatt ma għedtilhom hekk ..."*

50. Evidenti għalhekk li l-inkonvenjent lamentat minn Fenech sabiex isiefer l-Ingilterra flimkien ma' ibnu hu relatat ma' kemm ilha pendenti l-kawża kriminali u l-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. L-Ordni ta' Ffriżar tal-assi tiegħu, li hija l-mertu ta' dawn il-proċeduri, hija distinta minn dik il-kwistjoni.

51. Kwantu għat-tieni motivazzjoni, ossija l-vettura Toyota, Fenech jilmenta illi:

[37] Fol. 104 *et seq*.

> *"Xhud: Għandi freezing order, għandi karta tal-bank minus four cents il-kont tal-bank, u għandi karozza Toyota Belta xtrajtha two thousand and nine kelli l-paga kont naħdem mas-CBI tidħol il-bank, one hundred and eighty euro thirty cents fix-xahar għal sitt snin, jiġifieri meta tetħuli l-każ, jiena din xtrajtha two thousand and nine, kont għadni qed inħallasha, ma ried jinxurjani ħadd kif fetħuli l-kawża inxurjatni l-Mapfre, wara li ħallastha, insomma għandi l-log book u għandi tal-VRT.*
>
> *...*
>
> *Ċempilt lill-insurance, għidtlu kemm tiġi l-liċenzja? Ħmistax qabel qalli kemm tiġini, mort il-ġimgħa ta' wara biex inħallas, qalli hawn qiegħda blocked, qalli jridu variation letter mill-qorti li tvarja l-freezing order, għamilt żewġ rikorsi, l-ewwel wieħed anke ppreżentajt l-aħħar liċenzja u insurance li tilfuha wkolli kelli nerġa' mmur għand l-insurance biex jerġgħu jagħmluli kopja, issa qiegħda hemm titkisser il-karozza ilha sentejn, battery bye bye, tyre nieżel, ħallsitli tliet kwarti mill-pagamenti ommi għax dak iż-żmien kont għadni drug user, għadni tifel."*

52. Kif spegat fid-dettall fir-rassenja tal-fatti li saret fil-parti preliminari ta' din is-sentenza, ir-rikorrent ippreżenta għadd ta' rikorsi b'referenza għal dik il-vettura:-

i. B'digriet mogħti fil-25 ta' Ġunju 2014 il-Qorti Kriminali awtorizzzat lil Fenech jissalda d-debitu li huwa kellu mal-bank fir-rigward tal-imsemmija vettura u li jġedded il-polza tal-assikurazzjoni, kif minnu mitlub b'rikors ippreżentat fl-10 ta' Ġunju 2014[38];

ii. Talba oħra relattiva għall-assigurazzjoni tal-vettura saret lill-Qorti Kriminali fil-25 ta' Mejju 2021. Madankollu, l-istess ma

[38] Fol. 45 *et seq*. tal-proċeduri odjerni

ġietx dekretata għaliex id-dokumenti li ntalab jesebixxi ġew preżentati fil-Qorti tal-Maġistrati[39];

iii. Fl-4 ta' Ottubru 2021 Fenech reġa' mbagħad ippreżenta rikors ieħor quddiem il-Qorti tal-Maġistrati iżda din id-darba talab varjazzjoni fl-ordni ta' ffriżar sabiex tiġi eżentata l-vettura sabiex ikun jista' jsuqha, imur għax-xogħol biha u għal xi emerġenza[40]. Talba li ġiet miċħuda għaliex '*mhijiex meħtieġa varjazzjoni tal-Ordni sabiex jitħallsu l-poloz tal-assikurazzjoni u liċenzji iżda biss awtorizzazzjoni għall-ħlas.'*

53. Talbiet oħra ma sarux. Għalhekk, jekk il-vettura tar-rikorrent ma ġietx assikurata dan kien b'nuqqas tiegħu għaliex ma ppreżentax id-dokumenti quddiem il-qorti kompetenti u għaliex ma fformulax it-talba korrettament. Kwistjoni allura li kienet tiddependi minnu u mhux mil-liġi jew mill-organi tal-Istat.

54. It-tielet raġuni marbuta mal-ilment ta' Fenech hija li huwa ġie mċaħħad mid-dritt li jixtri proprjetà u minflok *loan repayments* qiegħed ikollu jħallas il-kera.

[39] Fol. 75 *et seq*. tal-proċeduri odjerni
[40] Kopja tal-atti a fol. 94 *et seq*. tal-proċeduri odjerni

55. Fix-xhieda tiegħu r-rikorrent imkien ma' semma li pprova jieħu self bankarju biex jixtri proprjetà u sab xi impediment minħabba l-Ordni ta' Ffriżar. Ipprezenta biss ittra mibgħuta lilu mill-*Housing Authority* datata 10 ta' Mejju 2017[41] permezz ta' liema ġie nfurmat bi skema ta' sussidju sabiex tgħin lill-persuni li xtaqu jixtru proprjetà residenzjali. Madankollu, fix-xhieda tiegħu Fenech ma qal xejn f'dan ir-rigward u lanqas ma ressaq prova li huwa kellu l-mezzi finanzjarji sabiex japplika għal skema bħal dik. Apparti li din mhijiex ċirkostanza li għandha x'taqsam ma' kontroll dwar l-użu ta' proprjetà skont it-tieni paragrafu tal-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

56. Rikorsi quddiem il-qrati ta' kompetenza kriminali sabiex jingħata permess jidħol għal dik l-iskema ma sarux lanqas. L-uniċi talbiet li għamel ir-rikorrent marbuta mal-Ordni tal-Iffriżar, *oltre* dawk relatati mal-vettura Toyota Belta 'l fuq imsemmija, kienu:

i. Għar-rilaxx tal-assistenza soċjali – talba li saret fit-2 ta' Frar 2016[42] u ġiet akkolta b'digriet mogħti l-għada stess, ossija fit-3 ta' Frar 2016[43]; u

ii. Biex jiżbanka l-paga meta kien impjegat ma' lukanda – talba li saret fil-15 ta' Lulju 2016[44] u, wara li b'nota ddikjara li d-

[41] Fol. 35
[42] Fol. 59
[43] Fol. 62
[44] Fol. 65

dħul tiegħu huwa fis-somma ta' €256 *gross* fil-ġimgħa li setgħet tiżdied f'każ ta' xi *bonus* jew *overtime,* dik it-talba ġiet awtorizzata limitatament għas-somma ta' €1,164.69 fix-xahar[45].

57. Il-Qorti tal-ewwel grad irrimarkat ukoll dwar il-fatt li r-rikorrent ma setax jiżbanka aktar minn €13,976.24 fis-sena. Somma li skontha ma kinitx suffiċjenti u li minħabba f'hekk:

> *"ir-rikorrent kellu jsib mezz kif jgħaddi b'ammont ta' flus li huwa inqas minn dak li familja teħtieġ għall-bżonnijiet tagħha ta' kuljum."*

58. Madankollu mill-provi rriżulta li:

i. Ir-rikorrent ma kienx jaħdem matul il-perjodu kollu kemm ilha fis-seħħ l-Ordni ta' Ffriżar[46];

ii. Meta r-rikorrent ma kienx jaħdem u kien jingħata assistenza soċjali, il-qrati kriminali awtorizzawh jiżbanka l-benefiċċji[47];

iii. Is-salarju li ddikjara r-rikorrent kien €256 *gross* fil-ġimgħa li allura jiġu €13,312 *gross* fis-sena, <u>inqas</u> mill-massimu li seta' jiżbanka f'sena skont il-liġi u d-digriet tal-Qorti. Tant

[45] Fol. 74
[46] Fol. 105
[47] Fol. 104

hu hekk illi in eżami jgħid li l-kont bankarju tiegħu għandu bilanċ ta' *minus four* ċenteżmi[48] li jfisser allura li ma kellu ebda flejjes iffriżati fil-kont bankarju.

59. Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-ebda ċirkostanza li ssemmiet hawn fuq ma waslet sabiex ir-rikorrent isofri ksur tad-dritt tiegħu protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

60. Fir-risposta tal-appell ir-rikorrent argumenta wkoll li r-restrizzjoni imposta fuqu bl-ordni in kwistjoni għandha titqies '*irrispettivament mill-ammont ta' assi li għandu jew m'għandux'* u li l-fatt waħdu li l-Ordni ta' Ffriżar ilha pendenti ħdax-il sena, iwassal għall-ksur tal-jedd fundamentali.

61. Fis-sentenza fl-ismijiet **Sebastian Dalli v. L-Avukat tal-Istat et**, mogħtija fit-30 ta' Novembru 2022, il-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"29. Għalkemm huwa minnu li din il-kawża mhijiex dwar id-dewmien ta' żmien, iż-żmien li damu għaddejjin il-proċeduri, u r-raġuni għalfejn damu tant għaddejjin hija xorta waħda fattur relevanti sabiex tiġi kkonsidrata l-proporzjonalità tal-ordni tal-iffriżar li min-natura tiegħu huwa intiż sabiex ikun miżura temporanja. Meta jkunu għaddew però tlettax-il sena minn meta nħareġ u l-kawża mhux biss tkun għadha għaddejja iżda tkun għadha fi stadju tal-provi tal-prosekuzzjoni bl-ebda ħjiel dwar meta ser tispiċċa wieħed jibda jiddubita kemm din il-miżura tista' tibqa' titqies bħala waħda sempliċiment temporanja. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet* ***Yassin Abdullah Kadi v. European Commission*** *tal-2010 fejn ġie kkonsidrat hekk:*

[48] Fol. 30

> *"…given that now nearly 10 years have passed since the applicant's funds were originally frozen—it is not now time to call into question the finding ... according to which the freezing of funds is a temporary precautionary measure that, unlike confiscation, does not affect the very substance of the right of the persons concerned to property in their financial assets but only the use thereof. ... In the scale of a human life, 10 years in fact represent a substantial period of time and the question of the classification of the measures in question as preventative or punitive, protective or confiscatory, civil or criminal seems now to be an open one."*

*30. Agħar minn hekk, kif huwa ammess mill-appellanti stess, l-appellat ma kellu l-ebda mezz sabiex jikkontesta dan l-Ordni, u ġie mpoġġi f'pożizzjoni mill-Istat li jibqa' jissubixxi l-Ordni tal-Iffriżar maħruġ kontra tiegħu fl-2009 sakemm il-kawża tiġi deċiża b'mod finali, ikun meta jkun dan u rrispettivament minn kwalunkwe ċirkostanza li setgħet żviluppat fil-frattemp. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Shorazova v. Malta*** *(QEDB, 03/03/2022) …*

*31. Għalkemm l-appellanti jgħidu li din is-sentenza appena ċitata mhijiex applikabbli għall-fattispeċi ta' dan il-każ peress li kienet titratta ċirkostanzi partikolari, il-prinċipji ġenerali li jistgħu jinstiltu minn din is-sentenza, u li huma bbażati fuq il-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti, huma applikabbli independentement mill-fatti partikolari tal-każ. Minn din is-sentenza huwa ċar li għalkemm ordni ta' iffriżar huwa miżura leġittima u fl-interess ġenerali (kif huwa aċċettat anke mill-appellat stess) il-Qorti għandha teżamina kemm il-garanziji proċedurali li jeżistu fil-liġi u kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż id-dewmien taż-żmien tal-kawża sabiex tiddetermina jekk id-drittijiet fundamentali tal-akkużat sanċiti permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea humiex qed jiġu rispettati. Huwa ċar li dan mhuwiex il-każ hawnhekk għar-raġunijiet ġia spjegati, inkluż id-dewmien ta' żmien tal-proċeduri penali kontra l-appellant u n-nuqqas tal-leġislatur li jpoġġi fis-seħħ għodda legali li tagħti lil qrati ordinarji l-poter li jeżaminaw jekk l-ordni għadux ġustifikat skont iċ-ċirkostanzi tal-każ."*

62. F'dan il-każ ir-rikorrent tressaq il-qorti fl-2014 b'referenza għal reat li seħħ fl-2006. Il-proċeduri kontrieh mhux talli għadhom pendenti, talli għadhom fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni wara rinviji ripetuti lill-Avukat Ġenerali. *Inoltre*, mill-provi li nġabru fil-kumpilazzjoni jirriżulta li ftit li xejn kellu ġid fiż-żmien meta nħarġet l-Ordni tal-Iffriżar.

63. Min-naħa l-oħra iżda l-Qorti tqis li matul dak iż-żmien il-qrati awtorizzaw lir-rikorrent jiżbanka flusu u, safejn ressaq talba kif kien jeħtieġ, jagħmel il-pagamenti li kien jeħtieġlu jagħmel. Lanqas ma jirriżulta li l-Ordni ta' Ffriżar kellu xi konsegwenzi sinifikanti fuq il-patrimonju tar-rikorrent ġaladarba mill-provi rriżulta li ftit li xejn għandu assi. Dan apparti li bl-Artikolu 22A(1) tal-Kap. 101 ir-rikorrent jista' jitlob lill-qorti tawtorizzah iħallas djun lill-kredituri *bona fide* u jittrasferixxi mobbli u immobbli (ara sentenza ta' din il-Qorti **George Tabone et vs L-Avukat Ġenerali** tal-5 ta' Ottubru 2018). Saħansitra, skont subinċiż (3) tal-Artikolu 22A il-qorti tista' *"f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni"*. Kliem li fil-fehma tal-Qorti jagħti diskrezzjoni wiesgħa lill-Qorti Kriminali biex tvarja l-Ordni tal-Iffriżar. Għalhekk, dan kollu joħloq bilanċ bejn l-interessi ġenerali u l-interess tar-rikorrent sabiex ma jsofrix ħsara u tbatija bla bżonn.

64. Għaldaqstant, f'dan il-każ partikolari l-Qorti ma tqisx illi l-ordni in kwistjoni wasslet għall-ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent protett taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

65. Fir-rigward tal-appell inċidentali, l-ilment tar-rikorrent hu li l-Ewwel Qorti m'ordnatx ir-revoka tal-Ordni ta' Ffriżar. Ġaladarba fil-mertu l-aggravju tal-intimati intlaqa' u dwar il-mertu ser tinbidel is-sentenza

appellata billi jiġu miċħud t-talbiet tar-rikorrent, m'hemmx rimedju x'jingħata lir-rikorrent ġaladarba m'hemmx ksur ta' jedd fundamentali.

**Deċiżjoni.**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-intimati sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u għaldaqstant tvarja s-sentenza appellata fis-sens li fil-meritu tiċħad it-talbiet tar-rikorrent. Tiċħad l-appell inċidentali tar-rikorrent.

Spejjeż tal-ewwel sentenza u tal-appell jinqasmu in kwantu għal kwart (¼) mill-intimati u tliet kwarti (¾) mir-rikorrent. Spejjeż tal-appell inċidentali a karigu tar-rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss